


# Il-Kanzunetti ta' L-Għanja tal-Poplu 2024 (It-48 Edizzjoni)

**Kanzunetta – Kantant/a/i** (Awtur, Kompożitur)

01. **Jien Min Jien – Klikka** (Renato Vella/ Steve Camilleri/ Malcolm Camilleri, Philip Vella)
02. **Daqqa ta' Pinna – Cherylis** (Emil Calleja Bayliss, Mark Scicluna)
03. **Jiena Missier – Dominic Cini** (Etienne Micallef, Philip Vella)
04. **Straight – Lon Kirkop** (Kantawtur)
05. **Bil-Jekk u Bil-Jewilla – Thea Gauci** (Emil Calleja Bayliss, Mark Spiteri Lucas)
06. **Fissidni – Dario Bezzina** (Kantawtur)
07. **Munita B'Żewġ Uċuħ – Kayley Cuschieri** (Paul Ellul, Mark Scicluna)
08. **Tgħanniqa – Leontine** (Etienne Micallef, Dominic Cini)
09 **Kanna Kanun – JAMM Band** (Mark Cachia)
10. **Dik L-Id – Jasmine Farrugia** (Paul Ellul, Aldo Spiteri/ Bradley Spiteri/ Liam Spiteri)
11. **Nafu Nħobbu Wkoll – Anna Azzopardi** (Joe Julian Farrugia, Mark Spiteri Lucas)
12. **Il-Poeta ta' Ftit Kliem – Mark Tonna** (Etienne Micallef, Dominic Cini)
13. **Namra – Florence Aquilina** (Kantawtur)
14. **Inkiss Inkiss – Rachel Lowell** (Emil Calleja Bayliss, Philip Vella)
15. **Għażiża – Laura Bruno** (Mark Spiteri Lucas)
16. **Qsamt it-Triq – David Joseph Sammut** (Alfred C. Sant)

[Copyright 2024 – L-Għanja tal-Poplu, Awturi u Kompożituri]



# Jien Min Jien?

## Klikka

✎ Renato Vella /
Steve Camilleri /
Malcolm Camilleri
♫ Philip Vella

Jien min jien?

Biex ngħidlek kemm plastik għamilt,
tatu' u ɨmsielet, ma nafx fejn m'għamiltx...

Jien min jien?

Niġġudikak għax tlaqt mid-dar,
ħallejt kollox warajk, għamilt waħda mill-kbar...

Jien min jien?

Inġiegħlek temmen f'Alla, u trid tisma' l-quddies,
biex ma jgħidux fuqek in-nies...

Imbagħad toħroġ mill-knisja taqleb dinja bid-dagħa,
hekk hi l-verita'.
Jien min jien?

Biex ngħidlek li l-ħaxixa mhux għalik,
Dik m'hiex mediċina, qed jitnejjku bik,

Jien min jien?

Ngħidlek tkunx differenti, trid tkun bħall-oħrajn
raġel jilbes ta' mara, x'affarijiet dawn...

Jien min jien?

biex ngħidlek li għax int qassis,
ma tiżżewwiġx, u trid iġġorr il-piż.

Jien min jien?

Jien xempju ta rġulija, jien m'hawnx għalija, kull ma nagħmel perfett...

**Jien min jien biex niġġudikak,
jien fejn naf x'int tħoss, kont pront nittimbrak,
ħsibtni għaref bħal Salamun,
nitfa t-tajn bla ma naf il-ħsara kemm tkun,
Sirt espert, moħbi wara skrin
bil-velenu li ngħid nifga il-miskin**

**Jien min jien? Jien min jien? Jien min jien?**

Jien min jien?

biex ngħidlek lil min trid tivvota,
trid tisma' minni, jekk hux aħmar jew blu,

Jien min jien?

Ngħidlek lil min trid tiżżewweġ, oqgħod attent,
żgur mhux Għarbi, Indjan, jew b'aċċent,

Jien min jien?

Inġiegħlek tobgħod lill-barrani, minnhom oqgħod 'il bogħod,
kull min tara b'ġilda sewda, ibża u irtghod,

Jien min jien?

Jien xempju ta' rġulija, jien m'hawnx għalija, kull ma nagħmel perfett...

**Jien min jien biex niġġudikak...**

**Jien min jien biex niġġudikak...**



# Daqqa ta’ Pinna

## Cherylis

✏️ Emil Calleja Bayliss
🎶 Mark Scicluna

Illum sirt naf x’inhi imħabba
vera dik li tajtni int,
int sraqtli qalbi u lqajtni f’darek għalkemm jiena kont stranġier.

Nixtieq... inroddlok ftit mill-ġid
li int... provdejtli tul is-snin
li ma kienx għalik... jien mhux bint!

Inti l-għożża illi tisboq l-isbaħ ġmiel,
iggwidajtni meta jien kont sibt ix-xkiel,
int wittejtli din it-triq, tajtni dak illi nixtieq,
jien erġajt twelidt mill-ġdid.
Inti l-għanja illi tferraħ din il-qalb,
int mexxejtni sakemm fl-aħħar hawn wasalt,
u ħarist lejn il-ġejjien, issa naf minn vera jien, b’ħarsa waħda u biddiltli d-destin.

Għalkemm mal-ewwel bikja
ġejt imwarrba x-xorti sibta fik,
mill-anġli kollha int għażiltni
biex tibqa’ tħobbni bla waqfien.

Nixtieq... inroddlok ftit mill-ġid
li int... provdejtli tul is-snin
li ma kienx għalik... jien mhux bint!

Sejjaħtlek ma u lejk ħarist,
bid-dmugħ f’għajnejk int lili bist.
Għannaqtni f’dawk dirgħajk
u qalbek smajt.

Int wittejtli din it-triq, tajtni dak illi nixtieq,
jien erġajt twelidt mill-ġdid.
Inti l-għanja illi tferraħ din il-qalb,
int mexxejtni sakemm fl-aħħar hawn wasalt,
u ħarist lejn il-ġejjien, issa naf minn vera jien, b’ħarsa waħda u biddiltli d-destin.

B’daqqa ta’ pinna għamiltni tiegħek,
għal għomrok tibqa’ tħaddani miegħek.



# Jiena Missier

## Dominic Cini

✎ Etienne Micallef
♫ Philip Vella

Jiena missier
għandi f'idejja l-kustodja tat-tfal
Naħdem qatigħ
ħajti mimlija bla ebda mistrieħ
Filgħodu kmieni nqum nagħmel il-*lunch*
qabel iżernaq għax norqod ma tantx
Moħħi jbaqbaq b'turrun ħsibijiet
irrid inlaħħaq ħafna trufijiet

Jiena missier
xogħli t'għalliem ġewwa skola tal-gvern
Ħini ngħaddih ngħin kull student
Hemm min qed jgħix f'infern
Jiġu l-iskola bla ikel kuljum
B'żarbun imqatta' lbieraħ u llum
Imorru d-dar u ma jsibu lil ħadd
Dak il-platt sħun huma ma sabu qatt

**Jiena missier**
**kultant għajjien**
**imma se nibqa' għaddej**
**Jiena missier**
**sal-aħħar nifs**
**ngħix għal uliedi se nibqa' sat-tmiem**

Jiena Missier
mill-iskola għad-dar
biex nibda t-tisjir
borma hemm fuq in-nar
lura bil-mod jibdew jaslu t-tfal
Nisma' t-tpaqpiqa kif jasal il-vann
nara tbissima fuq wiċċhom sabiħ
u malajr ninsa d-dmugħ u l-inkwiet
Jiena missier
li qed ngħix biss għaż-żgħar

Għalkemm kultant
naħbat se nibda ftit naqta' l-qalb
Għaliex kont jien
l-iżvinturat minn tant nies miżżewġin?
Jiġi s-Sibt nara xi żewġt iħbieb
ngħidu kelmtejn fuq xi bank taz-zuntier
Sakemm imorru ftit għand in-nanniet
nara kif neħles xi erba' qadjiet

**Jiena missier**
**kultant għajjien...**

Sat-tmiem!



# Straight

## Lon Kirkop

🖉 🎶 Kantawtur

Kemm-il kelma f'ħajtek tisma'
Ġo moħħok tibqa' ddur bil-mod il-mod
Bħal diska mkissra li ma tieqaf qatt

Tilbisx ħwejjeġ kuluriti,
Id-dwiefer tiżbogħx
La tibkix għax tidher fraġli u tiżżegleg toqgħodx
Għax għandek min-nisa quddiem sħabi toħroġx

**Li kieku kelli nerġa' ngħix mill-ġdid**
**Li kieku l-għażla kienet tiegħi biss lil min inħobb**
**Għidli jekk f'għajnejk tarax l-istess li fija tara llum**
**Min jaf, li kieku jien kont straight**

Kemm-il xewqa kelli f'qalbi minn żgħir
Li ħajti tkun bħal dik ta' ħuti l-kbar
F'gidba ngħix biex ma nismax

Li fi tmiem ħajti se nkun waħdi għax nibqa bla tfal
Ħadd mhu se jkolli jieħu ħsiebi la moħħi ma jkunx ċar
U jsejjaħli pa
Ħadd mhu ser jibki la mmur minn hawn

**Li kieku kelli nerġa' ngħix mill-ġdid...**

Kemm nixtieq li lura mmur fiż-żmien
U lili nsib fi żmien fejn minn dak li jien bżajt
U nurik li l-futur sabiħ
Għax dak li jien illum hu li minn ċkejken xtaqt

**Li kieku kelli nerġa' ngħix mill-ġdid...**

Li kieku kelli nerġa' ngħix mill-ġdid
Li kieku l-għażla kienet tiegħi biss
Ma nibdel xejn minn dan
Għax issa wasal iż-żmien fejn fhimt li jien illum,
hu li minn ċkejken xtaqt

Li jien illum hu li minn ċkejken xtaqt.



# Bil-Jekk u Bil-Jewilla

## Thea Gauci


Emil Calleja Bayliss
Mark Spiteri Lucas)


Maż-żmien tapprezza l-lezzjonijiet
u twettaq bi ħsieb l-aħjar għażliet
ma tistennix il-bajtra taqa' f'ħalqek
għax taf li jista' jkun hemm min iqarrqek.

Tiqafx tgħix
tiqafx tkun int
ħa tikber u timraħ
kif dejjem xtaq l-istint.

Imxi pass pass dejjem 'il quddiem,
ma tħares qatt lejn dak li seta' kien.

Bil-jekk u bil-jewilla
ma timla ebda bixkilla
kliem ix-xiħ dejjem żomm fih
qatt m'għandek twarrbu jew tinsieh.

Bil-jekk u bil-jewilla
il-ħajja mhix bizzilla
fittex li xxammar il-kmiem
u tieqaf qatt tħares 'il quddiem.

Maż-żmien ix-xorti għad lilek tmiss
b'hekk aħtaf iċ-ċans ta' darba biss
tibqax anzjuż u gawdi l-mument
għax taf jista' jkun dan jagħmlek kuntent.

Tibżax tgħix
Tibżax tkun int
ħa tikber u timraħ
kif dejjem kont emmint

Imxi pass pass dejjem 'il quddiem,
ma tħares qatt lejn dak li seta' kien.

Bil-jekk u bil-jewilla...

Tkun trid kollox jimxi ħarir
iżda taf li għandu jsir isir,
naħdmu dejjem għal ġid komun
ngħinu lil xulxin f'kull staġun.

Bil-jekk u bil-jewilla...

Bil-jekk u bil-jewilla
qatt ma jkollok ċans tibrilla.



# Fissidni

## Dario Bezzina

🖉 🎶 Kantawtur

Mal-ewwel nifs li tajtni,
Il-biki bdiltu f'ferħ
B'dik ħarstek kollha ħlewwa
Għentni ngħum fil-mewġ,
Fil-bogħod rajt viżjoni u għamiltni dak li jien

Mal-ewwel passi tiegħi,
Ħa naqa' u ma naqax
Kont dejjem hemm maġenbi,
Għallimtni ma nibżax mill-ħolm,
L-impossibbli jsir possibbli d-dmugħ inżomm

Għal lejl wieħed żommni ħdejk
Żommni ħdejk, imqar dan il-lejl

**Fissidni, benninni, wennisni, kebbisli**
**Din il-fjamma għall-imħabba li għandi lejk**
**Tbissimli u ferraħni, nessini u sebbaħli**
**Din ħajti li mingħajrek m'għandhiex sens**
**Int ta' qalbi l-wens**

Minn mindu nfridt minn miegħek,
It-tajjeb sar ħażin,
It-tifel ċkejken tiegħek
Sab l-ikrah fis-sabiħ
Iż-żmien; il-ġranet saru xhur u gerbu s-snin

Għal lejl wieħed żommni ħdejk
Żommni ħdejk, imqar dan il-lejl

**Fissidni, benninni, wennisni, kebbisli**
**Din il-fjamma għall-imħabba li għandi lejk**
**Tbissimli u ferraħni, nessini u sebbaħli**
**Din ħajti li mingħajrek m'għandhiex sens**

Iż-żmien iderri ma jnessix
Il-ġisem jogħtor u jixjieħ,
L-imħabba ma tmut qatt!
Għad jasal dak il-jum,
Fejn ħdejk tkun tridni nkun
Tħallini nfissdek jien

**Fissidni … kebbisli…**

**Int ta' qalbi l-wens**



# Munita B'Żewġ Uċuħ

Kayley Cuschieri

✎ Paul Ellul
♫ Mark Scicluna

Segwejtek pa mill-bieb daqs ġgant tal-Qorti,
matul it-triq li twassal sa Kordin.
u agħar mill-mewt ħassejt tingħalaq qalbi,
xħin firduna minn xulxin ħitan għoljin.

Għamilt x'għamilt xellift difrejk mal-liġi,
in-nies hemm barra lsienhom tad-deheb fin,
dispreġjattivi t-timbri mwaħħlin miegħek,
u min se jikkonslani, min u min?

Int,
munita b'żewġ uċuħ,
filwaqt l'hemm barra l-folla tħanxar ismek,
jien ngħajjat ismek pa,
filwaqt li ċ-ċella umda tifgak fiha,
ngħix b'nifsek jiena, pa,
filwaqt li l-muftieħ tqil isewwed qalbek,
għalik qalbi bieb miftuħ,
int munita b'żewġ uċuħ.

Kliem in-nies bħal xwabel jinfdu dil-qalb ċkejkna,
daqs is-susa tniffed saffi kbar ħoxnin,
bħal trapan li jdur u jtaqqab ħitan dobblu,
min se jitfa' l-ewwel ġebla mis-safjin.

Le, int mhux ħaxix ħażin maħsud u mormi,
m'intx ħalib skadut jissielet kontra l-ħin,
jew il-fdal fi platt tal-ikel jinten minsi,
lanqas drapp imżarrat f'pezza ħarir fin.

Int,
munita b'żewġ uċuħ,
filwaqt l'hemm barra l-folla tħanxar ismek,
jien ngħajjat ismek pa,
filwaqt li ċ-ċella umda tifgak fiha,
ngħix b'nifsek jiena, pa,
filwaqt li l-muftieħ tqil isewwed qalbek,
għalik qalbi bieb miftuħ,
int munita b'żewġ uċuħ.



# Tgħanniqa

## Leontine

✎ Etienne Micallef
♫ Dominic Cini

Kultant il-ħajja wisq tatni bis-sieq
Ġerħa fuq ġerħa ma ħsibtx li se nfieq
Ħabbatt bil-ħniena biex jinfetaħ bieb
Kulħadd warrabni u telqu l-ħbieb

Sakemm bla ħsieb quddiemi tfaċċajt
Li kont speċjali malajr indunajt
Fik jien emmint u mill-ewwel fdajt
Ftaħt qalbi miegħek u minn kliemek smajt

Lilek sibt għax int ta' spalla kont għalija
Bi tbissima ħelwa kif ġbitni lejk
Meta tlift it-triq u waħdi bkejt xortija
Sibt it-tama f'għajnejk

Tgħanniqa fi ħdanek
Ma jonqosni xejn
B'tgħanniqa mingħandek
Naffronta li ġej
Tgħanniqa li tqanqal
Dik l-għafsa ta' jdejk
Tgħanniqa ta' mħabba
Irrid nibqa' ħdejk

Pinġejtli ħajti b'ilwien tassew sbieħ
Erġajt erfajtni kif missejt il-qiegħ
Għalhekk minn qalbi qed nirringrazzjak
Illum b'għajnejja magħluqa nafdak

Meta mal-mewġ tal-ħajja tkaxkart
F'dirgħajk sibt kenn meta lili ħaddant
Kull qatra dmugħ malajr ixxottajt
Bik il-fiduċja erġajt akkwistajt

Lilek sibt għax int ta' spalla kont għalija
Bi tbissima ħelwa kif ġbitni lejk
Meta tlift it-triq u waħdi bkejt xortija
Sibt it-tama f'għajnejk

Tgħanniqa fi ħdanek...

Tassew grata lejk!

Tgħanniqa fi ħdanek...



# Kanna Kanun

## JAMM Band

✎ ♫ Mark Cachia
(Kantawtur)

Mhux faċli biex mal-ħajja inti tlaħħaq
B'ilsienek barra jkollok tmur għax-xogħol
Kieku mhux għas-Sibt u għall-Ħadd
Ċans ta' xejn, mistrieħ żgur qatt
biex tgħaxxaqha ġiet il-mara u qaltli l-gass kien spiċċa wkoll

Fit-traffiku kuljum kif qed ninqered
Inħoss it-tempra tielgħa ma' kull skoss
Min bil-mod bħall-karettun
Min b'manjieri ta' muntun
Bħal sardin kollha ppakjati u ta' warajja jrid iross.

Kulħadd jeqred, kulħadd jgħaffeġ
Storja antika ta' kull żmien
X' jimpurtani minn ħaddieħor
Jekk il-kanna blajtha jien

X'kanna meta l-ħajja ttik il-lumi
Tispiċċa tparla waħdek u bir-raġun
Biss ftakar jekk ma ssibx is-soluzzjoni
Int taf tieħu promozzjoni u tiddobba, Kanna Kanun

It-tifla tgħidli li qed jaqbdu magħha
It-tifel qed jiġġieled ta' kuljum
Mort biex naqbeż għall-ulied
biss insejt li mhux ġellied
u spiċċajt b'denbi bejn sieqi bla raġun u bil-geddum

Għajjejt il-paga nġebbed forsi sservi
U l-kont tal-bank ma tantx jagħtini wens
Jekk jinqala' xi salib
Bħal dentist jew xi tabib
Spiċċajt nikkunsidra kollox, anke niftaħ Onlyfans

Kulħadd jeqred, kulħadd jgħaffeġ
Storja antika ta' kull żmien
X'jimpurtani minn ħaddieħor
Jekk il-kanna blajtha jien

X'kanna meta l-ħajja ttik l-lumi...

Jekk xi kanna inti blajt
għax kif jgħidu "Għal ġol-ħajt"
Bil-probleml ċċassat
U jgħidulek intamat
Mit-twelid int kont beżżul
Għax għamlulek xi magħmul..
taf xi tkun?? Kanna Kanun

X'kanna meta l-ħajja ttik l-lumi...
X'kanna meta l-ħajja ttik l-lumi...
Taf x'iddubbajt?? Kanna Kanun!



# Dik L-Id

## Jasmine Farrugia

🖉 Paul Ellul,
🎶 Aldo Spiteri/
Bradley Spiteri/
Liam Spiteri

Hemm id li s-sħab għaqqditu f'sema sbejjaħ,
u jsawwar forom miexja ta' stagħġib,
tistħajjel tilmaħ ħlejjaq ta' kull xorta,
u tpinġijiet ta' xeni bogħod u qrib.

Hemm id li għamlet mera tirrifletti,
l-immensità bla bidu u bla tmiem,
xi minn daqqiet din tbus ix-xatt u tghannqu,
xi minn daqqiet tiqliel għal jiem u jiem.

Dik l-id li baqgħet tfuħ,
għalkemm imċappsa demm,
dik l-id ta' spalla għalina
ma sqewha xejn ħlief semm.

Dik l-id li l-ġrieħi tmiss,
minn fommha joħroġ kliem
ta' balzmu għall-muġugħ,
minn fommha xejn ħlief sliem.

Dik l-id li ħasbet tagħti ruħ lill-bniedem
dik l-id li l-ħolma wettqet f'realtà,
mix-xejn l-ilwien intgħaġnu f'meravilja
dik l-id li tatna b'xejn il-libertà.

Dik l-id li baqgħet tfuħ...

Dik l-id li l-ġrieħi tmiss...

Dik l-id ħalqitna ħielsa f'kulma nagħmlu,
u qatt ma għandna nwaħħlu f'sid dik l-id,
u jekk il-ħobż bl-imrar jixxarrab għasra,
twaħħalx f'dik l-id, hi tqassam biss il-ġid.

Dik l-id li baqgħet tfuħ...

Dik l-id li l-ġrieħi tmiss...



# Nafu Nħobbu Wkoll

## Anna Azzopardi

Joe Julian Farrugia
Mark Spiteri Lucas

Jarawna differenti
M'humiex se jifhmuna
Għalkemm ma tantx jitkellmu
B'ħarsithom jixluna

M'aħniex xi kriminali.
Għalfejn kulħadd perpless?
Kulm' għandna lewn il-ġilda
li mhijiex tat-tnejn l-istess

X'differenza jagħmlilhom kulur?
L-abjad, l-iswed, iċ-ċar mal-iskur
Aħna xorta ulied l-istess dinja, l-istess kreatur...

Aħna nafu nħobbu wkoll
M'aħniex inqas mill-oħrajn.
X'inhu l-gost li tittimbra lin-nies
skont ir-razza, l-kulur jew l-ilbies?
Aħna nafu nħobbu wkoll
Għadha tħares kuljum lejn l-uċuħ, din is-soċjetà.

L-imħabba don mill-isbaħ
bla ebda fruntieri.
Jekk tkun fiż-żarbun tagħna
tkun taf x'jiġifieri

Din mhix xi mħabba għamja
Mhijiex illużjoni
Daż-żewġt iqlub maħbuba
sabu l-akbar wens f'xulxin.

Sakemm nafu li m'hemm xejn ħażin
nibqgħu sodi, nafdaw fid-destin
għax minkejja l-kulur differenti l-ferħ sibna f'xulxin.

Aħna nafu nħobbu wkoll...



# Il-Poeta
# Ta’ Ftit Kliem

## Mark Tonna

Etienne Micallef
Dominic Cini

Riservat, edukat minn tfulitek
Innamrajt mal-kitbiet minn żgħożitek
Bil-kunjom Irlandiż ta’ familtek
Raymond Mahoney int

Kliem mexxej, mirqum sawwart
Mingħajr qatt ma int ftaħart
Il-poeta ta’ ftit kliem

Il-lingwa ħabbejt
U bi kliemek kemm udjenzi paxxejt
Imbagħad f’Ġensna l-ħila tiegħek urejt
Għax l-istorja tal-Maltin bħal pinġejt

Fundatur tal-Qawmien Letterarju
Leħnek sod f’xi rumanz fuq ir-radju
Il-poeta li ftit issib bħalu
Raymond Mahoney int

Produzzjonijiet għamilt
Kanzunetti kbar kemm ktibt
Mal-artist għal qalbek ħdimt

Il-lingwa ħabbejt...

Int tibqa’ l-artist
B’sengħa kbira l-lingwa tagħna ħaddimt
Lilha int mas-seba’ noti żewwiġt
Għax mill-qalb kien joħroġ dak illi ktibt
Ġmiel ta’ wirt

U xogħlok nibqgħu ngħożżuh
Li tajtna ser ingawduh
U lil uliedna ngħadduh

Il-lingwa ħabbejt...

Int tibqa’ l-artist...



# Namra

## Florence Aquilina

✎ 🎶 Kantawtriċi

Tbissima b'għamża,
Isellimli kuljum,
Hekk kif triqatna
Tinzerta mal-jum.

Ta' malajr jien nidħaqlek,
Biex ma niħmarx wisq,
Għajnejna jiltaqgħu,
F'mument ħelu wisq.

**Ħelwa manna din in-namra,**
**Li jien għandi lejk,**
**'Qas jimporta jekkx għad xi**
**Darba nkun f'idejk.**

Għalfejn il-għaġla,
Paċenzja lej' il-ħajja,
Ħalli tinbet ħbiberija,
U forsi sseħħ ġrajja

B'qalbi miftuħa,
Inħalli f'idejn Alla,
Għax lejn xewqat qalbi,
Hu qatt ma falla

**Ħelwa manna din in-namra…**

**Ħelwa manna din in-namra…**

Tbissima b'għamża,
Isellimli kuljum,
Hekk kif triqatna,
Tinzerta mal-jum.

Ta' malajr jien nidħaqlek,
Biex ma niħmarx wisq,
Għajnejna jiltaqgħu,
F'mument ħelu wisq.

**Ħelwa manna din in-namra…**

**Ħelwa manna din in-namra,**
**Li jien għandi lejk,**
**Għalkemm nixtieq xi darba,**
**Għad inkun miegħek.**



# Inkiss Inkiss

## Rachel Lowell

Emil Calleja Bayliss
Philip Vella

Taħt is-siġra taċ-ċipress
f’xulxin kien nibet l-interess
u f'nofs ġnien bogħod minn kulħadd
l-ewwel bewsa jien kont sraqt.

Taħt is-siġra taċ-ċipress
qsamna wkoll elf ħsieb kumpless
ħarisna lejn il-futur
imlejnieh bl-isbaħ kulur.

Ersaqt lejk inkiss inkiss
xtaqt li nibqgħu hemmhekk biss,
seħħ li seħħ u kien li kien
ħarist lejk bl-aktar mod fiss
b'tama nersqu hemmhekk spiss,
jgħaddi kemm jgħaddi ż-żmien
nibqgħu hemm it-tnejn flimkien.

Taħt is-siġra taċ-ċipress
qalbna ferħet b'kull suċċess
ġbarna l-memorji f'ritratt
biex żgur ma ninsewhom qatt.

Taħt is-siġra taċ-ċipress
il-ħolm tagħna ġie rifless
stħajiltu bħal maġija
li ssib biss fiż-żgħożija.

Ersaqt lejk inkiss inkiss...

Taħt is-siġra taċ-ċipress
dejjem kien itir il-ħin,
iżda kollox jagħmel sens
anke l-weraq neżlin,
tant koppji resqu viċin
stejjer inbnew tul is-snin.

Ersaqt lejk inkiss inkiss...



# Għażiża

## Laura Bruno

Mark Spiteri Lucas

Infaħt ġewwa fija
in-nifs tal-għajxien
Imlejtni bl-imħabba
wrejtni min jien

Ħaddantni tarbija
bennintni fis-skiet
U sqejtni l-bennal
li 'l qalbi mliet

Ħallimtni fl-iljieli
bi stejjer mill-qalb
Għallimtni xi tfisser
il-qawwa tat-talb

Rabbejtni fil-għożża bi mħabba bla tmiem
Għannejtli dik l-għanja
li bhalha ma sibt imkien

Noħolmok kuljum
Inħossok fil-qrib
Tħarisni, tmexxini
biex tghinni nsib

Jien għadma minn għadmek,Int tajtni l-muftieħ
Jien laħam minn laħmek,jistħoqqlok kull ġieħ

U f'qalbi dil-kelma
għal dejjem inżomm...
Kburija li nsejjaħlek
omm

Ifeġġu l-memorji
ta' ġranet flimkien
li jibqgħu ġo qalbi
sa ma jtul iż-żmien

Farraġtni fid-dieqa
Wennistni fil-hemm
żrajt fija x-xitla
Li qatt ma tintemm

Noħolmok kuljuml
nħossok fil-qrib...

Flimkien bkejna u fraħna
u għexna l-ħolmiet
li ħesrem intemmu
baqa' biss tifkiriet

Id f'id imxejnieha
tat-tbatija t-triq
sa ma laqgħek fi ħdanu l-Ħallieq

Noħolmok kuljuml
nħossok fil-qrib...



# Qsamt it-Triq


David Joseph
Sammut

✎ 🎶 Alfred C.Sant


Nafu biss żagħżugħ mir-raħal
meta lgħabna fit-triqat.
Illum snin għaddew minn fuqna
miegħu kont tlift kull kuntatt.

Kont il-belt, "Kif int?'' staqsejtu.
beda jolfoq b'leħen jirtogħod.
Jien fraħt kif rajtu...imma ksaħt kif smajtu.
Iż-żagħżugħ li naf taż-żmien 'il bogħod.

U qalli
Qsamt it-triq bla ma ħarist.
Ħajti m'għadhiex tfisser wisq.
Xejn ma jiswa l-flus u r-risq.
Qsamt it-triq bla ma ħarist.

Ħriġt mid-dar ma nafx x'ilbist.
Ħeġġa m'hemmx f'dinja bla lwien
ħadd ma jnessi tul iż-żmien.
U qatt ma taf...jekk ma ġġarrabx.

Sakemm ikollok l-ilma fil-bir,
ma tkunx għatxan u tkun għaddej ħarir,
xi tkun dik is-sajjetta, l-aħbar.
Il-vojt li ssib qed jistennik id-dar.

Martu llum fil-kor tal-anġli,
spiċċa l-ferħ u ċ-ċajt għalih.
Mal-mewt tagħha l-firda ħarxa
ħalliet vojt ħadd ma jimlieh.

Kien parir minn qalb maqsuma
kmamar vojta ma jagħmlux dar.
Id-dawl jintefa'...il-ġmiel jinħeba.
Għalhekk lis-sieħba  għożża lejl u nhar.

U qalli
Qsamt it-triq bla ma ħarist...

U nsejt il-versi f'qiegħ ta' kexxun
u ħsibt li m'hawnx min jimpurtah illum.
Sakemm fuq facebook rajt dik l-aħbar
li sieħbi għadda llum lejn post aħjar.

Ħriġt mid-dar ma nafx x'ilbist...

Illum m'hemmx ilma żvojta l-bir.
Kien żmien sabiħ, qatt ma ninsieh.